



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

Dan id-dokument huwa maħsub biex iservi biss bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-BĊE ma jassumi l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **BANK ĊENTRALI EWROPEW**
KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV
(2002/Ċ 123/06)
(ĠU Ċ 123, 24.5.2002, p. 9)

Emendat bi:

Ġurnal Uffiċjali

Nru paġna data

Ċ 10 6 16.1.2007

- **M1** Memorandum ta' Ftehim tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Diċembru 2006 li jemenda l-Memorandum ta' Ftehim dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Kunsill Governattiv

BANK ĊENTRALI EWROPEW

KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV

(2002/Ċ 123/06)

IL-MEMBRI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Billi:

- (1) Il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom responsabbilta` speċjali biex iżommu l-integrità` u r-reputazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) kif ukoll ta' l-effettività` ta' l-operazzjonijiet tagħhom u, għalhekk, għandhom jiżguraw li l-imġiba tagħhom tirrifletti din ir-responsabbilta` speċjali.
- (2) Il-membri tal-Kunsill Governattiv ħadu nota tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Bank Ċentrali Ewropew adottat mill-Bord Eżekuttiv tal-BĊE fl-10 t'Ottubru 2000 u indirizzat lill-persuni kollha mpjegati mill-BĊE,

QABLU FIS-16 TA' MEJJU 2002 DWAR DAN IL-MEMORANDUM TA' FTEHIM DWAR KODIĊI TA' KONDOTTA:

1. Skop ta' applikazzjoni

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta jagħti gwida lil u jstabbilixxi konvenzjonijiet ta' etika, standards u *benchmarks* għall-membri tal-Kunsill Governattiv u s-sostituti tagħhom maħtura skond l-Artikolu 4.4 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem imsejħa 'l-membri tal-Kunsill Governattiv') meta jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala membri tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Il-Kodiċi huwa mingħajr preġudizzju għal regoli oħra ta' kondotta indirizzati lil Gvernaturi ta' banek ċentrali u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Bank Ċentrali Ewropew li jagħti gwida lill-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

2. Prinċipji bażiċi

Il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom josservaw l-ogħla standard ta' mġiba etika. Huma mistennija li jaġixxu b'onesta`, b'mod indipendenti w imparzjali, b'diskrezzjoni u mingħajr ma jagħtu kas ta' l-interess personali tagħhom u li jevitaw kull sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interessi personali. Huma mistennija li jżommu f'moħħhom l-importanza tad-dmirijiet u r-

responsabbiltajiet tagħhom, li jqisu n-natura pubblika tal-funzjoni tagħhom u li jgħibu rwieħhom b' mod li jżomm u li jippromwovi l-fiduċja tal-pubbliku fil-BĊE.

3. Indipendenza

- 3.1 Skond l-Artikolu 108 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita` Ewropea u l-Artikolu 7 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, il-membri tal-Kunsill Governattiv, meta jeżerċitaw is-setgħat u jwettqu l-ħidmiet u d-dmirijiet mogħtija lilhom, m'għandhomx ifittxu jew jirċievu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunita`, minn kwalunkwe gvern ta' xi Stat Membru jew minn kwalunkwe korp ieħor, inkluż kull korp responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet li tiegħu huma jagħmlu parti.
- 3.2 Il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom jaġixxu fl-interess ġenerali taż-żona ta' l-euro. Biex id-deċiżjonijiet jittieħdu skond l-Artikolu 10.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, il-Gvernaturi jistgħu jikkunsidraw ukoll l-interess tal-bank ċentrali nazzjonali rispettiv tagħhom bħala azzjonista.

▼ M1

- 3.3 Ir-rispett tal-prinċipju ta' l-indipendenza huwa inkompatibbli ma' li wieħed jitlob, jirċievi jew jaċċetta minn kwalunkwe sors ħlief minn ġewwa s-SEBĊ kwalunkwe benefiċċji, premjijiet, remunerazzjoni jew rigali ta' aktar minn EUR 200, kemm jekk finanzjarji jew jekk mhux finanzjarji, li huma marbutin b'xi mod mal-funzjoni ta' membru tal-Kunsill Governattiv.
- 3.4 Huma jistgħu madankollu, jaċċettaw stedinet għal konferenzi, riċevimenti jew okkażjonijiet kulturali u divertiment relatat, inkluża l-ospitalita` xierqa, jekk il-parteeċipazzjoni tagħhom f'dik l-okkażjoni hija kompatibbli mat-tweġiq ta' dmirijiethom bħala membri tal-Kunsill Governattiv. F'dan ir-rigward, huma jistgħu jaċċettaw mill-organizzaturi r-rifużjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni proporzjonati maż-żmien ta' l-impenn tagħhom ħlief meta l-organizzaturi huma istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħhom. B' mod partikolari, il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom josservaw prudenza speċjali fir-rigward ta' stedinet individwali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw bl-istess mod lill-irġiel u n-nisa jew partners tagħhom, jekk l-istedinet huma estiżi lilhom ukoll u jekk il-parteeċipazzjoni tagħhom hija konsistenti mal-prattika aċċettata internazzjonalment.
- 3.5 Il-Membri tal-Kunsill Governattiv m'għandhomx jaċċettaw għalihom onorarji għal lekċers u taħditiet mogħtija fil-kapaċita` uffiċjali tagħhom bħala membri tal-Kunsill Governattiv.

▼ B

- **M1** 3.6 ◀ Il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom jiżguraw li l-attivitajiet li m'humiex relatati mas-SEBĊ, jekk ikun hemm, kemm jekk remunerati jew le, ma jkollhom l-ebda impatt negattiv fuq l-obbligi tagħhom u li ma jagħmlux ħsara lill-image tal-BĊE. F'kontribuzzjonijiet xjentifiċi jew akkademiċi, il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom jagħmluha ċara li l-

kontribuzzjoni tkun qed issir fil-kapaċita` personali tagħhom u li ma tirrappreżentax il-fehmiet tal-Kunsill Governattiv jew tal-BĊE. Meta jagħmlu dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar kwistjonijiet relatati mas-SEBĊ, il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom iqisu r-rwol u d-dmirijiet tagħhom fil-Kunsill Governattiv.

► **M1** 3.7 ◀ Ir-relazzjonijiet ma' gruppi ta' interess għandhom ikunu bbażati fuq metodu li huwa kompatibbli ma' l-indipendenza tagħhom bħala membri tal-Kunsill Governattiv u l-prinċipju ta' l-integrita`.

► **M1** 3.8 ◀ Il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom darba f'sena jibagħtu lill-President tal-BĊE lista tal-mandati esterni tagħhom, kemm jekk pubbliċi jew privati, li huma jkunu se jwettqu matul il-kariga tagħhom.

4. Kunflitt ta' interess

4.1 Il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom jevitaw kull sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interessi. Kunflitt ta' interessi jqum meta l-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom interessi privati jew personali, li jistgħu jinfluwenzaw jew jidhru li jinfluwenzaw it-twettiq imparzjali w oġġettiv ta' dmirijietom. Interessi privati jew personali tal-membri tal-Kunsill Governattiv ifissru kull vantaġġ potenzjali għalihom infushom, il-familji tagħhom, il-graba l-oħra tagħhom jew iċ-ċirku tagħhom ta' ħbieb u konoxxenzi.

4.2 Minħabba l-impatt tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill Governattiv jkollu jieħu dwar l-iżviluppi tas-swieq, il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom ikunu f'qagħda li jaġixxu b'indipendenza w imparzjalita` sħiħa.

4.3 Il-membri tal-Kunsill Governattiv m'għandhomx jużaw informazzjoni kunfidenzjali li għaliha jkollhom aċċess bl-iskop li jwettqu tranżazzjonijiet finanzjarji privati, kemm jekk direttament jew indirettament permezz ta' terzi persuni, jew kemm jekk imwettqa għar-riskju tagħhom u għalihom infushom, jew kemm jekk għar-riskju u għan-nom ta' terza persuna.

5. Segretezza professjonali

Is-segretezza professjonali, stabbilita fl-Artikolu 38 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, teħtieġ li informazzjoni kunfidenzjali ma tiġix ippubblikata. B'mod partikolari, dan għandu jitħares f'taħdit jew dikjarazzjonijiet pubbliċi u fir-relazzjonijiet mal-medja fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-politika monetarja li ma jkunux għadhom ġew ippubblikati. Il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni b'aċċess għall-informazzjoni tagħhom jirrispettaw ukoll l-obbligi tas-segretezza professjonali mposti mill-Artikolu 38 ta' l-Istatut tas-SEBĊ.

6. Kontinwazzjoni tad-dmirijiet

Matul l-ewwel sena wara li d-dmirijiet tagħhom ikunu spiċċaw, il-membri tal-Kunsill Governattiv għandhom ikompli jevitaw kull kunflitt ta' interessi li jista' jkum minn kull attivita' ġdida privata jew professjonali. B'mod partikolari, għandhom jinfurmaw lill-membri tal-Kunsill Governattiv bil-miktub kull meta huma jkunu se jieħdu sehem f'attivitajiet bħal dawn, u għandhom ifittxu l-parir tagħhom qabel ma jikkommettu rwieħhom.

7. Konsulent għall-Etika

Il-Kunsill Governattiv għandu jaħtar Konsulent għall-Etika biex jipprovdi gwida lill-membri tal-Kunsill Governattiv.

8. Pubblikazzjoni

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul f'kopja waħda oriġinali, iddepożitata fil-kmamar tas-sigurta' tal-BĊE. Kull parti ta' dan il-Memorandum ta' Ftehim għandha tirċievi kopja ċċertifikata.

[Firmatarji: membri tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE]